Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 11/2013AE

**Michael Brignone**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Socjali**

L-Erbgha, 13 ta' Jannar 2016.

Permezz ta' ittra datata 11 ta' Jannar 2013, Michael Brignone appella quddiem l-arbitru taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318) ghal fatt li fil-perjodu ta' detenzjoni fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, id-Dipartiment kien waqqaflu l-ghajnuna tal-mard li kien jircievi. Spjega li ghamel perjodu ta' 17 il-xahar taht detenzjoni u li wara li kien hareg mill-Facilita, talab li d-Dipartiment ihallsu l-arretrati tal-ghajnuna tal-mard. Madankollu t-talba tieghu giet michuda.

B'decizjoni tal-10 ta' Mejju 2013, l-Arbitru laqa' l-appell wara li ddikjara li:

1. Fil-perjodu li Brignone kien detenut fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, ma kienx qieghed jiskonta sentenza. Ghalhekk l-Artikolu 91 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali ma kienx japplika.
2. Fir-rigward tal-eccezzjoni li l-appell kien tardiv, peress li l-appellat kien arrestat, kien gustifikat li jintavola l-appell wara t-terminu kontemplat mil-ligi.

Id-Direttur tas-Sigurta Socjali appella mis-sentenza. L-aggravji huma li:-

1. L-appell quddiem l-Abitru ma sarx fit-terminu kontemplat fl-Artikolu 108(3) tal-Kap. 318.
2. L-appellat ma kellux jedd ghall-ghajnuna tal-mard b'applikazzjoni tal-Artikolu 91 tal-Kap. 318.

L-appellat wiegeb.

Il-Qorti rat l-atti u tosserva:

**L-Ewwel Aggravju**.

Jirrizulta li fit-2 ta' Gunju 2009 l-appellant cahad talba tal-appellat ghall-ghajnuna medika ghaliex kien detenut fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Kien biss f'Jannar 2013 li l-appellat appella mid-decizjoni tad-Direttur.

Il-qorti tosserva:-

1. Ma jirrizultax li kopja tad-decizjoni ntbaghatet lill-appellat fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Fil-fatt l-indirizz li hemm fl-avviz tad-Direttur hu: *"Flat 7, Blok G Ent B, Triq il-Qalb ta' Gesu', Birgu"*. Ir-Direttur kien jaf li l-appellat kien detenut fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Ghalhekk kellu d-dmir li jibaghat l-avviz hemmhekk.
2. L-Artikolu 108(3) tal-Att dwar is-Sigurta Socjali jipprovdi li appell lill-arbitru ghandu jsir fi zmien 30 jum mid-data li fiha *"... d-Direttur **jikkomunika d-decizjoni tieghu bil-miktub** lir-rikorrent jew lill-beneficjarju skond il-kaz"*.
3. Mill-provi ma jirrizultax id-data meta d-Direttur ikkomunika d-decizjoni tieghu bil-miktub lill-appellat. Fit-twegiba li pprezenta quddiem l-Arbitru, l-appellant qat li qieghed jehmez *"....kopja ta' dokument li juri li d-decizjoni tad-Direttur intbaghatet lill-appellant fit-2 ta' Gunju 2009"*. Hu ovvju li m'huwiex bizzejjed li jintbaghat l-avviz. Mill-istess avviz jirrizulta li l-avviz intbaghat f'indirizz li ma kienx ir-residenza tal-appellat, peress li f'dak iz-zmien kien jinsab taht arrest preventiv. Fil-fatt irrizulta li l-appellat kien ilu mit-23 ta' Mejju 2009 detenut fil-Facilita.
4. Ghalhekk m'ghandux ragun id-Direttur li l-appell quddiem l-Arbitru sar *fuori termine*. Gialadarba m'hemmx prova li d-decizjoni tieghu giet komunikata lill-appellat, m'hemmx prova li meta appella kien iddekkorra t-terminu kontemplat fl-Artikolu 108.

**<u>Tieni Aggravju</u>**.

Skond l-Artikolu 91 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali:-

*"Persuna tkun skwalifikata milli tirċievi pensjoni, benefiċċju, allowance jew għajnuna li titħallas taħt dan l-Att għal xi perijodu li matulu tkun qed tinżamm fi stat ta' priġunerija jew detenzjoni b'konsegwenza ta' sentenza mogħtija talli tkun instabet ħatja ta' reat"*.

Quddiem l-Arbitru giet prezentata dikjarazzjoni datata 1 ta' April 2013 mahruga mid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi li taqra:-

*"This is to certify that Brignone Michael holder of I.D. No 479067M was admitted to CCF on the 23rd May 2009 under arrest and on the 12th October 2010 subject was sentenced. He was then released from C.C.F. on the 20th September 2012 on termination of sentence.*

*Please note that the arrest period was part of this same sentence"*.

Dokument li ma jirrizultax li gie kkontestat.

Jirrizulta wkoll li b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Ottubru 2010, l-appellat nstab hati ta' reat u gie kkundannat:

*"ghal hames (5) snin prigunerija, li minnha jrid jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel f'arrest preventiv"*.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 91, m'hemmx dubju li b'effett mit-12 ta' Ottubru 2010 l-appellat kien skwalifikat milli jircievi l-ghajnuna tal-mard. Dan sakemm l-appellat skonta s-sentenza.

Min-naha l-ohra l-Artikolu 91 ma japplikax fil-kaz ta' arrest preventiv. Ghalhekk id-Dipartiment suppost jibqa' jhallas l-ghajnuna. Madankollu:-

i. Fis-sentenza inghad li l-perjodu ta' arrest preventiv kellu jitnaqqas mill-perjodu ta' 5 snin prigunerija.
ii. B'dak li nghad fis-sentenza, fil-perjodu ta' arrest preventiv Brignone kien qieghed jiskonta l-piena. Ghalhekk b'applikazzjoni tal-Artikolu 91 m'ghandux dritt jippretendi li jircievi l-ghajnuna socjali li thallas ghal matul dak iz-zmien.

Fit-twegiba l-appellat argumenta li dan l-aggravju m'huwiex bazat fuq konsiderazzjoni ta' dritt imma ta' fatt. Il-qorti ma taqbilx in kwantu hu evidenti li l-Arbitru qal li l-appellat kien taht arrest preventiv meta kellu prova li ghallinqas mit-12 ta' Ottubru 2010 kien qieghed jiskonta piena ta' prigunerija u ghalhekk ghallinqas minn dakinhar l-Artikolu 91 zgur li kien japplika. Dan apparti li l-Att dwar is-Sigurta Socjali ma jipprovdix li appell quddiem din il-qorti jista' jsir biss fuq punt ta' dritt (ara Artikolu 109).

**Ghal dawn il-motivi tilqa' t-tieni aggravju tad-Direttur tas-Sigurta Socjali u thassar id-decizjoni tal-arbitru tal-10 ta' Mejju 2013 u tikkonferma li l-appellat m'ghandux jedd ghall-ghajnuna tal-mard ghall-perjodu li kien detenut fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Spejjez a karigu tal-appellat**.

Anthony Ellul.